Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-4 ta' April, 2005

Numru 96/2005

PULIZIJA
SPETTUR DENNIS THEUMA
SPETTUR PIERRE GRECH
VS
MARIA GERADA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Maria Gerada, ta’ 27 sena, bin John u Emanuela nee’ Alamango, imwielda Hal Tarxien fl-24 ta’ Settembru 1976, u residenti 124, Dockyard Street, Paola, u detentura tal-karta tal-identita’ numru 483076(M), akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer fit-2 t’April 2005, kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi ta’ din ir-raza u dan bi ksur tal-Artiklu 8(A) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-imputata tal-4 t'April 2005 fejn l-imputata ammettiet ghal l-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghha, il-Qorti ssib lill-imputata hatja skond l-akkuza, u wara li rat Artiklu 8(A) tal-Kap 101, u Artiklu 7 tal-Kap 446, tqieghed lill-imputata taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sena taht is-sorveljanza ta' probation officer li joghgbu jahtar id-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------